MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-22 ta' Ġunju, 2022

Appell Inferjuri Numru 265/2020 LM

**Charlie Auto Dealer Limited (C 31941)**
*('is-soċjetà appellanta')*

***vs.***

**Renato Stivala (K.I. 229764M)**
*('l-appellant')*

**Il-Qorti,**

## <u>Preliminari</u>

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà intimata **Charlie Auto Dealer Limited (C 31941)** [hawnhekk 'is-soċjetà appellanta'], minn deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) [minn issa 'l quddiem 'l-Ewwel Qorti'] tal-5 ta' Lulju, 2021, [minn issa 'l quddiem 'is-sentenza appellata'], li permezz tagħha l-Ewwel Qorti ċaħdet ir-rikors ta' Charlie Auto Dealer Limited tat-2 ta' Ġunju, 2021, laqgħet l-ewwel talba tar-rikorrent **Renato Stivala** [hawnhekk 'l-appellat'] fir-rikors

tiegħu tal-31 ta' Diċembru, 2020, u ddikjarat nulla u bla effett l-ittra uffiċjali numru 1560/2020 fl-ismijiet premessi maħruġa fl-10 t'Awwissu, 2020, li abbażi tagħha inħareġ il-mandat ta' sekwestru numru 980/2020. L-Ewwel Qorti ddikjarat li hija inkompetenti f'dawn il-proċeduri speċjali li tieħu konjizzjoni tat-tieni talba tar-rikorrent Renato Stivala, u għalhekk astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħha, filwaqt li laqgħet it-tielet talba tar-rikorrent u ddikjarat null u bla effett il-mandat ta' sekwestru numru 980/2020, u ordnat li l-ammont depożitat taħt l-awtorità tal-Qorti bis-saħħa ta' dan il-mandat jiġi rilaxxat lill-istess Renato Stivala.

**Fatti**

2. Permezz ta' rikors a tenur tal-artikolu 166A (5) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-rikorrent Renato Stivala spjega li huwa ma kienx jaf bil-kontenut tal-ittra uffiċjali numru 1560/2020 fl-ismijiet premessi maħruġa fl-10 t'Awwissu, 2020, li huwa jgħid li ma ġiex notifikat biha, u għalhekk l-imsemmija ittra ma tissodisfax ir-rekwiżiti ta' titolu eżekuttiv taħt is-subartikolu 3 tal-artikolu 166A tal-Kap. 12. Ir-rikorrent qal li din l-ittra uffiċjali kienet ġiet notifikata ġewwa l-Isptar Monte Carmeli, li la huwa r-residenza tiegħu u lanqas l-uffiċċju reġistrat tal-kumpannija li jaħdem magħha r-rikorrent. Qal li l-ittra ma ġietx notifikata lilu direttament u personalment, iżda tħalliet ma' individwu li la huwa parti mill-familja tiegħu u li lanqas ma jgħix fir-residenza fejn jgħix hu, u għalhekk għandu jitqies li huwa ma ġiex notifikat kif imiss bl-ittra uffiċjali. Ir-rikorrent qal ukoll li abbażi ta' din l-ittra uffiċjali, il-kreditur ippreżenta mandat ta' sekwestru fl-istess ismijiet bir-referenza 980/2020 fil-konfront tiegħu, wara li suppost ġiet

ippreżentata ittra uffiċjali fl-istess ismijiet tal-mandat kontra l-istess rikorrent, iżda li sa issa għadha ma ġietx notifikata lilu. Qal ukoll li jirriżulta li din l-ittra la hija korretta u lanqas ma ġiet notifikata kif titlob il-liġi, u għalhekk il-mandat huwa msejjes fuq att ġudizzjarju li m'għandux saħħa legali, tenut kont li l-ittra uffiċjali m'għandhiex il-kweżiti kollha biex tirrendiha titolu eżekuttiv, u għalhekk ladarba ma ġietx segwita l-proċedura appożita, dan il-mandat għandu jiġi revokat. Ir-rikorrent żied jgħid ukoll li huwa m'għandu l-ebda debitu ma' Charlie Auto Dealer u dan għaliex il-vettura in kwistjoni kienet ġiet skrappjata, u għalhekk anki li kieku għall-grazzja tal-argument huwa minnu li kien hemm debitu abbażi tal-allegata kambjala kif tippretendi s-soċjetà intimata, il-vettura ma setgħetx tiġi skrappjata minnu għaliex kienet tkun għadha rreġistrata fuq Charlie Auto Dealer. Ir-rikorrent qal ukoll li huwa jaħdem mas-soċjetà Mekanika Limited, u l-paga tiegħu tidħol direttament fil-kont bankarju tiegħu fil-Bank of Valletta kull ħmistax, u minħabba fl-aġir u l-pretensjonijiet ta' Charles Auto Dealer huwa qiegħed isofri b'mod gravi minħabba li qiegħed f'sitwazzjoni prekarja ħafna bil-kont tiegħu milqut bis-sekwestru, u dan għaliex m'għandux mezzi oħra biex jgħajjex lilu nnifsu u lill-familja tiegħu. Qal ukoll li dan hu trasvestiment tal-proċedura fil-Qrati tagħna, ladarba sar mandat abbażi ta' ittra uffiċjali ppreżentata taħt l-artikolu 166A tal-Kap. 12 li ma ġiex notifikat *ai termini* tal-liġi.

**<u>Mertu</u>**

3. Permezz tat-talbiet tiegħu quddiem l-Ewwel Qorti, ir-rikorrent talabha tirrixxindi u tiddikjara nulla l-ittra uffiċjali 1560/2020 ppreżentata fir-Reġistru fl-

10 t’Awwissu, 2020, u li abbażi tagħha sar il-mandat ta’ sekwestru numru 980/2020. Talab ukoll li jiġi ddikjarat li l-ammont imsemmi fl-ittra uffiċjali mhuwiex dovut minnu għaliex mhux biss ma ġiex notifikat *ai termini* u l-effetti kollha tal-liġi, imma wkoll għaliex id-dokument li abbażi tiegħu saret l-ittra uffiċjali m’għandux validità legali u għalhekk ma setgħetx tiġi ppreżentata ittra uffiċjali taħt l-artikolu 166A tal-Kap. 12. Ir-rikorrent talab ukoll ir-rexxissjoni u l-annullament tal-mandat ta’ sekwestru bin-numru 980/2020, u li l-Qorti tordna li kull ammont maqbud taħt l-awtorità tal-Qorti li ġie ddepożitat bis-saħħa ta’ dan il-mandat, għandu jiġi rilaxxat favur tiegħu, u żied jgħid li fi kwalunkwe każ, *ai termini* tal-artikoli 381(1)(a) u 382(1) tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, l-ewwel €698.81 mis-salarju ta’ persuna huma protetti u m’għandhomx jiġu sekwestrati, u għalhekk għandhom ikunu eżenti minn kull proċedura ta’ sekwestru.

4. Quddiem l-Ewwel Qorti ġiet ippreżentata kopja tal-ittra uffiċjali tal-10 t’Awwissu, 2020, li permezz tagħha Carmelo Sammut għan-nom u in rappreżentanza ta’ Charles Auto Deaer Limited interpella lir-rikorrent iħallas s-somma ta’ €3,210, oltre €825.98 imgħax dovut sal-21 ta’ Lulju, 2020, flimkien mal-imgħax legali ulterjuri dovut sad-data tal-pagament effettiv, rappreżentanti l-bilanċ dovut lis-soċjetà Charles Auto Dealer Limited, minn somma akbar għax-xiri ta’ vettura tal-għamla Daihatsu Terios numru ta’ reġistrazzjoni LCJ 086, kif jirriżulta minn kambjala ffirmata mir-rikorrent. Is-soċjetà Charles Auto Dealer Limited spjegat li dan huwa dejn ċert, likwidu u dovut u għalhekk interpellat lir-rikorrent iħallas id-debitu ta’ €4,035.98.

Quddiem l-Ewwel Qorti ġiet ippreżentata wkoll kopja tal-mandat ta' sekwestru numru 980/2020 li nħareġ fuq talba tas-soċjetà Charles Auto Dealer Limited.

Fir-risposta tagħha, is-soċjetà Charles Auto Dealer Limited eċċepiet li n-notifika kienet waħda korretta ladarba r-rikorrent Renato Stivala jaħdem bħala *security guard* ġewwa l-Isptar Monte Carmeli u għalhekk dan l-isptar huwa meqjus bħala l-post tax-xogħol tiegħu għall-fini u effetti kollha tal-liġi. Ġie eċċepit ukoll li l-ammont in kwistjoni għadu dovut ladarba huwa naxxenti mill-kambjala annessa mal-istess ittra uffiċjali li nħarġet *ai termini* tal-artikolu 166A tal-Kap. 12, u li ġiet iffirmata għall-bilanċ li kien għad jonqos jitħallas fuq il-vettura mill-istess Renato Stivala. Ingħad ukoll li *ai termini* tal-artikolu 166A (5) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, f'din il-proċedura l-Qorti tista' biss tirrexxindi l-ittra uffiċjali u kull talba u/jew kawżali li tmur kontra dak permess f'din il-proċedura speċjali hija supefluwa u għandha tiġi miċħuda. Ġie eċċepit ukoll li mhux minnu li Renato Stivala ma kienx jaf bl-ittra uffiċjali in kwistjoni, tant li huwa jsostni li qiegħed jiġi ppreġudikat bil-mandat ta' sekwestru li kien ġie intavolat u li huwa konness mal-istess ittra uffiċjali. Is-soċjetà intimata Charles Auto Dealer Limited eċċepiet ukoll li permezz tal-proċedura odjerna, il-Qorti mhijiex kompetenti sabiex tiddetermina jekk l-ammont huwiex dovut jew le, iżda trid tiddetermina biss il-validità tal-ittra uffiċjali ppreżentata fuq iż-żewġ binarji stipulati fl-artikolu 166A (5) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u lanqas ma tista' tintalab ir-revoka tal-mandat eżekuttiv b'sempliċi rikors, iżda kellha ssir il-proċedura appożita taħt l-artikolu 281 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

5. Ir-rikorrent **Renato Stivala** xehed li huwa jagħmel xogħol ta' *maintenance* mas-soċjetà Mekanika Services, li għandha l-*head office* l-Imrieħel. Ir-rikorrent qal li huwa ma jafx min hija l-persuna li ffirmat għan-notifika tal-ittra uffiċjali, identifikat bħala Javakovich Sascha. Ir-rikorrent speċifika li minkejja li huwa jiġi assenjat b'xi xogħol ġewwa l-Isptar Mater Dei u ġewwa Monte Carmeli, huwa impjegat ma' Mekanika Services bħala *assistant tradesman.* Qal ukoll li l-atti tal-mandat ta' sekwestru ntbagħtu għand it-tfajla tiegħu li toqgħod il-Kalkara, filwaqt li huwa joqgħod Ħaż-Żabbar. Ir-rikorrent spjega li huwa 'misluf' ġewwa l-Isptar Monte Carmeli, u qal li ilu jmur xogħol kuljum f'dan l-Isptar madwar sena. Ir-rikorrent qal li wara li ntbagħtet l-ittra uffiċjali, huwa pprova jikkomunika mal-kreditur Carmelo Sammut, u qal li wara li nħareġ il-mandat ta' sekwestru beda jinqatalu ammont mill-paga.

6. **Carmelo Sammut** fix-xhieda tiegħu qal li huwa direttur u azzjonist tal-kumpannija Charles Auto Dealer Limited. Ix-xhud qal li wara li ntbagħtet l-ittra uffiċjali, ir-rikorrent beda jibgħatlu messaġġi fuq il-*Facebook,* u ntbagħtu wkoll messaġġi bejn l-avukati tal-partijiet. Qal li r-rikorrent beda joffrilu li jħallsu l-ammont ta' tliet elef Euro. Ix-xhud qal li huwa rċieva l-messaġġi wara li pprova jikkomunika miegħu xi ħadd li kien qiegħed mar-rikorrent, għaliex dan tal-aħħar kien ipprova jagħmel it-trasferiment tal-vettura. Qal ukoll li mandati nħarġu tnejn, li wieħed minnhom ġie rtirat.

## <u>Is-Sentenza Appellata</u>

7. Permezz tas-sentenza mogħtija fil-5 ta' Lulju, 2021, l-Ewwel Qorti ċaħdet ir-rikors ta' Charles Auto Dealer Limited tat-2 ta' Ġunju, 2021, laqgħet l-ewwel

talba tar-rikorrent Renato Stivala fir-rikors tiegħu tal-31 ta' Diċembru, 2020, u ddikjarat nulla u bla effett l-ittra uffiċjali numru 1560/2020 fl-ismijiet premessi maħruġa fl-10 t'Awwissu, 2020, u li abbażi tagħha nħareġ il-mandat ta' sekwestru numru 980/2020; iddikjarat li hija inkompetenti sabiex f'dawn il-proċeduri speċjali tieħu konjizzjoni tat-tieni talba tar-rikorrent Renato Stivala, u għalhekk astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħha, u laqgħet it-tielet talba tar-rikorrent Renato Stivala u ddikjarat null u bla effett il-mandat ta' sekwestru bin-numru 980/2020, u ordnat li l-ammont iddepożitat taħt l-awtorità tal-Qorti abbażi ta' dan il-mandat, jiġi rilaxxat lura lill-istess Renato Stivala, u dan wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"**Il-Fatti***

*6. Il-fatti li taw lok għal din il-vertenza huma senjatament is-segwenti:*

*1. Fl-10 t'Awwissu, 2020, is-soċjetà intimata intavolat ittra uffiċjali ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili kontra r-rikorrent fejn talbitu jħallas ammont ta' flus, allegatament dovuti minnu abbażi ta' kambjala ffirmata minnu. Flimkien ma' din l-ittra, is-soċjetà intimata intavolat mandat ta' sekwestru kawtelatorju.*

*2. Mill-atti jirriżulta li din l-ittra ġiet notifikata lir-rikorrent fl-Isptar Monte Carmeli, Ħ'Attard fil-15 ta' Ottubru, 2020, u skont ir-riferta tal-marixxall tħalliet f'idejn ċertu Jancovic Sasa.*

*3. Din l-ittra uffiċjali ġiet reża eżekuttiva skont il-liġi fis-17 ta' Novembru, 2020.*

*4. Fil-31 ta' Diċembru, 2020, Renato Stivala intavola rikors fejn talab lil din il-Qorti inter alia tirrexxindi u tiddikjara nulla u bla effett l-ittra uffiċjali numru 1560 maħruġa taħt l-Artikolu 166A tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili għaliex din l-ittra ġiet notifikata ġewwa l-Isptar Monte Carmeli Ħ'Attard, li la hi r-residenza tiegħu u lanqas l-uffiċċju reġistrat tal-kumpannija li jaħdem magħha Stivala, u ċioe Mekanika Limited.*

Ir-Rikors tas-Soċjetà Intimata tat-2 ta' Ġunju, 2021

***7.*** *Fl-ewwel lok din il-Qorti sejra tikkunsidra r-rikors tas-soċjetà intimata tat-2 ta' Ġunju, 2021, fejn wara li ppremettiet:*

1. *Illi l-istadju tal-kawża odjerna tħalliet għas-sentenza;*

2. *Illi wara li rriżulta illi Sascha Javakovic huwa l-persuna li rċieva n-notifika kif ukoll li issa s-soċjetà esponent saret taf li l-imsemmi Sascha Javakovic huwa s-supervisor dirett tal-kontroparti Renato Stivala, is-soċjetà esponenti għandha interess li ttella' jixhed lill-imsemmi Javakovic, u dan sabiex jiġi assigurat li kull prova relattiva tiġi ppreżentata.*

*Għaldaqstant, is-soċjetà Charlie Auto Dealer talbet lil din il-Qorti sabiex tawtorizzaha sabiex tkun tista' tinġunġi lil Sascha Javakovic sabiex jixhed fuq il-fatti in kwistjoni u dan għaliex għandu rabta fundamentali mar-rikorrent Renato Stivala.*

***8.*** *Fir-risposta tiegħu Renato Stivala oġġezzjona għat-talba stante li l-istadju tal-provi fil-kawża odjerna huwa magħluq u l-kawża tħalliet għas-sentenza. Inoltre Stivala oġġezzjona għal din it-talba stante li s-soċjetà intimata kienet konsapevoli ta' dan ix-xhud, tant li ssemma kemm fir-risposta tal-istess soċjetà intimata għar-rikors ta' revoka li ġie ppreżentat minnu, u anke fix-xhieda tal-istess Charles Sammut f'isem is-soċjetà intimata, u għalhekk is-soċjetà intimata kienet f'pożizzjoni li tħarrek lil dan ix-xhud waqt il-ġbir tal-provi.*

***9.*** *Mill-atti proċesswali jirriżulta s-segwenti:*

*1. Fil-31 ta' Diċembru, 2020, Renato Stivala intavola rikors promutur ta' dawn il-proċeduri.*
*2. B'digriet tas-26 ta' Jannar, 2021, din il-Qorti inter alia ordnat in-notifika tal-istess rikors lis-soċjetà intimata bil-fakoltà li tippreżenta risposta, u appuntat dan ir-rikors għall-provi kollha tal-partijiet għas-seduta tat-8 ta' Frar, 2021.*
*3. Is-soċjetà intimata ġiet notifikata b'dan ir-rikors fl-1 ta' Marzu, 2021 (fn. 1 a tergo fol. 30) u ppreżentat ir-risposta tagħha fl-10 ta' Mejju, 2021, fejn eċċepiet li n-notifika kienet waħda korretta.*
*4. Fis-seduta tat-28 ta' April, 2021, din il-Qorti semgħet ix-xhieda taż-żewġ partijiet, iż-żewġ partijiet għalqu l-provi, u l-Qorti tat il-fakoltà liż-żewġ partijiet jippreżentaw nota ta' sottomissjonijiet u ddifferiet il-kawża għal-lum 5 ta' Lulju, 2021 għas-sentenza.*
*5. Renato Stivala ppreżenta n-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu fil-31 ta' Mejju, 2021.*

*6. Is-soċjetà intimata ma ppreżentatx in-nota ta' sottomissjonijiet risponsiva tagħha fit-terminu lilha preskritt, iżda fit-2 ta' Ġunju, 2021 hija ppreżentat dan ir-rikors fejn talbet li tinġunġi bħala xhud lil Sascha Javakovic, għar-raġunijiet premessi aktar 'il fuq.*

**10.** *Minkejja li s-soċjetà intimata ġiet notifikata bir-rikors promutur ta' dawn il-proċeduri fl-1 ta' Marzu, 2021 u s-seduta li fiha nstemgħu l-provi kollha tal-partijiet li nżammet fit-28 ta' April, 2021, is-soċjetà intimata ma dehrilhiex li kien neċessarju li tħarrek lil Jancovic Sasa (kif ismu jidher mir-riferta tal-marixxall) bħala xhud għal dik is-seduta in sostenn tal-eċċezzjoni tagħha li n-notifika tal-ittra uffiċjali kienet waħda korretta skont il-liġi.*

**11**. *Fis-seduta tat-28 ta' April, 2021, ir-rikorrent Renato Stivala xehed li huwa ma jafx lil Jancovic Sasa, minkejja li hu fiż-żmien rilevanti kien assenjat xogħol l-Isptar Monte Carmeli. Stivala ddikjara li m'għandux iżjed provi.*

**12**. *F'dik l-istess seduta, is-soċjetà intimata tellgħet bħala xhud lil Carmelo Sammut, direttur tas-soċjetà intimata, u ddikjarat li m'għandhiex provi iżjed. Il-kawża ġiet differita għas-sentenza għas-seduta tal-lum, bil-fakoltà lill-partijiet li jippreżentaw noti ta' sottomissjonijiet.*

**13.** *L-Artikolu 204(1)(b) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili jippreskrivi illi:*

"Meta s-smigħ tal-kawża jingħalaq ma tista' tingħata l-ebda xhieda oħra, ħlief għal raġuni ġusta u bil-permess tal-Qorti."

**14**. *M'hemmx dubbju li s-soċjetà intimata ilha taf li l-ittra uffiċjali in kwistjoni tħalliet f'idejn Jancovic Sasa (kif imniżżel fir-riferta) jew Sascha Janakovic kif qed issejjaħħlu f'dan ir-rikors żgur mill-1 ta' Marzu, 2021, meta ġiet notifikata bir-rikors promutur ta' dawn il-proċeduri. Għalhekk hija ċertament kienet f'pożizzjoni li tħarrek lil dan ix-xhud għas-seduta tat-28 t'April, 2021. Mill-atti ma jirriżultax li sar xi sforz mis-soċjetà intimata biex tagħmel dan, u lanqas ġie allegat li sar tali sforz fis-seduta tat-28 t'April, 2021.*

**15**. *Fir-rikors tagħha tat-2 ta' Ġunju, 2021, is-soċjetà intimata tallega illi "*issa s-soċjetà esponenti saret taf li l-imsemmi Sascha Javakovic huwa s-supervisor dirett tal-kontroparti Renato Stivala." *Apparti li fir-rikors is-soċjetà intimata ma indikatx meta saret taf b'dan l-allegat fatt u kif, ladarba d-difiża tagħha fir-risposta tagħha u fit-trattazzjoni tal-kawża kienet li r-rikorrent Stivala kien ġie notifikat legalment, kien fl-interess tagħha, jekk mhux ukoll fl-obbligu tagħha, li tħarrek lil Jancovic Sasa għas-seduta tat-28 ta' April, 2021, in sostenn tat-teżi tagħha, li l-Isptar Monte Carmeli, fejn saret in-notifika, huwa meqjus bħala l-post tax-xogħol ta' Stivala, kif ukoll biex dan ix-*

*xhud jixhed dwar il-fatti kollha in kwistjoni. Għal xi raġuni, is-soċjetà intimata dan m'għamlitux.*

***16**. Konsegwentement ir-rikors tas-soċjetà intimata tat-2 ta' Ġunju, fejn talbet lil din il-Qorti tawtorizzaha tinġunġi lil Sascha Javakovic f'dan l-istadju inoltrat tal-proċeduri jirrażenta l-abbuż tal-proċess ġudizzjarju, anke peress li fih ma nġabu ebda raġunijiet serji in sostenn ta' tali talba. Il-fatt li s-soċjetà intimata qed tallega li saret taf issa li din Jancovic Sasa huwa s-supervisor tar-rikorrent huwa irrilevanti – apparti li kellha kull opportunità li tagħmel il-verifiki tagħha qabel is-seduta tat-28 ta' April, 2021. Dan għaliex huwa evidenti li Jancovic Sasa kien xhud rilevanti sa mill-bidu nett ta' dawn il-proċeduri, għax skont ir-riferta tal-marixxall, hu kien il-persuna li magħha tħalliet l-ittra uffiċjali in kwistjoni, u li kien fid-dover tiegħu jgħaddiha lil Stivala. Dan nonostante, is-soċjetà intimata ma offriet l-ebda forma ta' ġustifikazzjoni, wisq inqas waħda valida, għalfejn naqset li tħarrku bħala xhud għal dik is-seduta.*

***17.** Konsegwentement, dan ir-rikors ta' Charlie Auto Dealer tat-2 ta' Ġunju, 2021 qed jiġi miċħud.*

<u>*Il-Meritu*</u>

***18.** It-talba tar-rikorrent fir-rikors promutur tiegħu hija msejsa fuq l-artikolu 166A (5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, liema artikolu jipprovdi hekk:*

*"*(5) Titolu eżekuttiv li jinkiseb skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, dejjem jekk ma jkunx hemm oppożizzjoni min-naħa tad-debitur, għandu jiġi rexiss u ddikjarat null u bla ebda effett jekk meta ssir talba permezz ta' rikors fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), skont il-każ, li tiġi ppreżentata mid-debitur fi żmien għoxrin ġurnata minn l-ewwel notifika li ssirlu ta' xi mandat eżekuttiv jew xi att ġudizzjarju ieħor imsejjes fuq dak it-titolu, il-Qorti tkun sodisfatta:

a. li d-debitur ma kienx jaf b'dik l-ittra uffiċjali għaliex huwa ma kienx notifikat kif imiss; jew
b. li l-ittra uffiċjali ma kienx fiha l-ħtiġijiet stipulati fis-subartikoli (1), (2) jew (3):

B'dan illi r-rikors għandu jiġi appuntat għas-smigħ fi żmien ġimagħtejn.

***19.** Ir-rikorrent jgħid li hu qatt ma rċieva l-ittra uffiċjali in kwistjoni, u li ma kienx jaf min hu Jancovic Sasa, li miegħu tħalliet l-ittra uffiċjali fl-Isptar Monte Carmeli. Huwa jgħid li sar jaf li kienet ġiet intavolata din l-ittra uffiċjali meta ġie infurmat li kien hemm mandat ta' sekwestru kontrieh, u tkellem mal-avukat tiegħu.*

***20.** Mill-provi jirriżulta illi r-rikorrent Renato Stivala huwa impjegat bħala assistant tradesman mas-soċjetà Mekanika Limited, però f'Marzu 2020 ġie assenjat xogħol fl-*

*Ipstar Monte Carmeli Ħ'Attard u kien għadu assenjat xogħol f'dan l-Isptar fid-data tan-notifika tal-ittra uffiċjali.*

**21.** *Min-naħa l-oħra, Carmelo Sammut, id-direttur tas-soċjetà intimata, jinsisti li r-rikorrent kien konsapevoli li ġie intavolata din l-ittra uffiċjali kontrieh, għaliex ir-rikorrent ġie notifikat bl-ittra uffiċjali fil-15 ta' Ottubru, 2020, u fl-istess ġurnata r-rikorrent kien ikkontattjah fuq Facebook biex isolvu l-pendenzi ta' bejniethom, u kompla jikkuntattjah sat-18 ta' Ottubru, 2020. Huwa esebixxa screenshots ta' dawn il-messaġġi, kif ukoll screenshots ta' messaġġi li għaddew bejn ir-rikorrent u l-avukat tiegħu.*

**22.** *Mill-iscreenshots esebiti jirriżulta li Carmelo Sammut, bħala direttur tas-soċjetà intimata, qed jippretendi ħlas mingħand ir-rikorrent. Però minn dawn il-messaġġi esebiti, ma jirriżultax li meta nkitbu r-rikorrenti kien konsapevoli li kienet ġiet intavolata l-ittra uffiċjali in kwistjoni kontrieh.*

**23.** *Għalhekk il-kwistjoni li trid tiddeċiedi din il-Qorti hija jekk in-notifika tal-ittra uffiċjali saritx skont il-liġi o meno.*

**24.** *L-Artikolu 187(2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jippreskrivi inter alia hekk:*

"In-notifika ssir bil-kunsinna ta' kopja tal-iskrittura lill-persuna li lilha l-iskrittura għandha tkun innotifikata, kull fejn dik il-persuna tista' tinstab. In-notifika tista' wkoll issir billi dik il-kopja titħalla fil-lok fejn toqgħod jew taħdem jew fil-post tax-xogħol jew fl-indirizz postali ta' dik il-persuna f'idejn membru tal-familja jew tad-dar jew f'idejn wieħed fis-servizz ta' dik il-persuna jew f'idejn il-prokuratur tagħha jew persuna awtorizzata minnha biex tirċievi l-posta tagħha."

**25.** *Għalhekk il-kwistjoni li għandha quddiemha din il-Qorti hija jekk minkejja l-fatt li r-rikorrent huwa impjegat tas-soċjetà Mekanika Limited, ladarba din is-soċjetà assenjatlu doveri fit-tul fl-Isptar Monte Carmeli, dan l-Isptar għandux jitqies bħala l-post tax-xogħol tiegħu. Fl-opinjoni kunsidrata ta' din il-Qorti, ir-risposta għandha tkun waħda fin-negattiv. Huwa vera li meta saret in-notifika tal-ittra uffiċjali, ir-rikorrent kien ilu xhur assenjat doveri fl-Isptar Monte Carmeli, però dan l-Isptar ma jaqax taħt il-kontroll tas-soċjetà Mekanika Limited, il-prinċipal tar-rikorrent. L-Isptar Monte Carmeli huwa jifforma parti minn dipartiment tal-Gvern, li għandu d-dipartiment tar-riżorsi umani tiegħu. Huwa vera li f'dan il-każ ir-rikorrent kien ordnat mill-prinċipal tiegħu sabiex jippresta servizzi lil dan l-Isptar, però dan ma jfissirx li dan l-Isptar sar il-post tax-xogħol tiegħu.*

**26.** *Mill-provi jirriżulta li r-rikorrent kien jiġi assenjat xogħol f'postijiet differenti tad-dipartiment tas-saħħa. Ċertament ma kinitx l-intenzjoni tal-leġislatur li persuna bħar-*

*rikorrenti, li tkun ordnata mill-prinċipal tagħha, li tagħti servizzi lil terzi, tkun qiegħda awtomatikament tawtorizza lil dan it-terz jirċievi l-posta tagħha, għaliex il-fond tat-terz jitqies bħala l-post tax-xogħol tagħha. Mill-provi ma jirriżulta bl-ebda mod, li r-rikorrent awtorizza lil xi awtoritajiet tal-Isptar Monte Carmeli, jew lil Jancovic Sasa jirċievu l-posta tiegħu. Effettivament lanqas jagħmel sens loġiku u legali, li tali terzi jkunu awtorizzati jirċievu l-posta ta' impjegati ta' soċjetajiet oħra li jkunu qegħdin jagħtuhom xi forma ta' servizz. Konsegwentement, in-notifika tal-ittra uffiċjali in kwistjoni ma setgħetx legalment issir fl-Isptar Monte Carmeli.*

***27.** Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet suesposti, l-ewwel talba tar-rikorrenti se tiġi milqugħa.*

***28.** Fit-tieni talba tiegħu, ir-rikorrent qed jitlob lil din il-Qorti tiddikjara li l-ammont imsemmi fl-ittra uffiċjali in kwistjoni mhux dovut. Dan ir-rikors sar ai termini tal-Artikolu 166A (5), kif fuq ingħad, li hija proċedura speċjali u limitata. Skont dan l-Artikolu, il-kompetenza ta' din il-Qorti hija limitata u tissindika l-validità tal-ittra uffiċjali abbażi taż-żewġ raġunijiet stipulati fl-istess Artikolu 166A, u għalhekk mhix kompetenti tiddetermina jekk l-ammont pretiż mis-soċjetà intimata hux legalment dovut jew le. Konsegwentement, il-Qorti se tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta' din it-talba.*

***29.** Fit-tielet talba tiegħu, ir-rikorrent qed jitlob lil din il-Qorti tirrexxindi u tiddikjara null u bla effett il-mandat ta' sekwestru ippreżentat kontestwalment mal-ittra uffiċjali in kwistjoni, u tordna li kull ammont li ġie depożitat taħt l-Awtorità tal-Qorti, jiġi rilaxxat favur ir-rikorrent. Is-soċjetà intimata qed toġġezzjona għal din it-talba għax tissottometti li revoka ta' mandat eżekuttiv tista' biss tintalab bil-proċedura kontemplata fl-artikolu 281 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

***30.** Il-Qorti tibda biex tirrileva li mill-atti ma jirriżultax li l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju in kwistjoni ġie reż eżekuttiv ai termini tal-Artikolu 838B tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, u għalhekk l-Artikolu 281 huwa irrilevanti għall-kwistjoni odjerna.*

***31.** Però fi kwalunkwe każ, sew jekk il-mandat ta' sekwestru għadu kawtelatorju, sew jekk sar eżekuttiv, f'każ li l-itra uffiċjali taħt l-Artikolu 166A tiġi dikjarata nulla u bla effett, bħalma se tiġi dikjarata l-ittra uffiċjali in kwistjoni – allura konsegwenza naturali hija li dak kollu li sar bis-saħħa tal-ittra uffiċjali in kwistjoni – inkluż il-ħruġ ta' mandati kawtelatorji eżekuttivi – huwa wkoll nulli u bla effett, u għandhom hekk jiġu dikjarati minn din il-Qorti. Kull interpretazzjoni diversa, tkun tammonta biss għal irduppjar inutili ta' proċeduri ġudizzjarji.*

***Konklużjoni***

***32.*** *Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda:*

*1. tiċħad ir-rikors ta' Charlie Auto Dealer Limited tat-2 ta' Ġunju, 2021;*
*2. tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrent Renato Stivala fir-rikors tiegħu tal-31 ta' Diċembru, 2020, u tiddikjara nulla u bla effett l-ittra uffiċjali numru 1560/2020 fl-ismijiet premessi maħruġa fl-10 ta' Awwissu, 2020, li abbażi tagħha inħareġ il-mandat ta' sekwestru numru 980/2020;*
*3. tiddikjara li hija inkompetenti f'dawn il-proċeduri speċjali li tieħu konjizzjoni tat-tieni talba tar-rikorrenti Renato Stivala, u għaldaqstant qed tastjeni li tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħha.*
*4. tilqa' t-tielet talba tar-rikorrent Renato Stivala u tiddikjara null u bla effett il-mandat ta' sekwestru bin-numru 980/2020 fl-ismijiet premessi, u tordna li l-ammont depożitat taħt l-Awtorità ta' din il-Qorti abbażi ta' dan il-mandat jiġi rilaxxat lill-istess Renato Stivala.*

*L-ispejjeż kollha in konnessjoni ma' dawn il-proċeduri, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali u tal-mandat ta' sekwestru fuq imsemmija, għandhom jiġu subiti mis-soċjetà intimata."*

## <u>L-Appell</u>

8. Is-soċjetà intimata ħasset ruħha aggravata b'din id-deċiżjoni u ressqet appell fl-20 ta' Lulju, 2021. Is-soċjetà appellanta spjegat li l-aggravju prinċipali tagħha jikkonsisti fil-fatt li l-Ewwel Qorti qieset li n-notifika tal-ittra uffiċjali in kwistjoni ma kinitx waħda valida, u dan minħabba l-interpretazzjoni li l-Ewwel Qorti tat tal-kunċett ta' 'post tax-xogħol'. Qalet li skont l-Ewwel Qorti, il-post tax-xogħol tal-appellat ma kienx il-post fejn huwa jgħid li jmur kuljum, il-post li jitlaq mid-dar għalih, u l-post li minnu jitlaq biex imur lura d-dar, iżda l-post tax-xogħol tiegħu huwa l-uffiċċju ta' Mekanika Limited. L-appellanta qalet li ħarsa lejn ix-xhieda tar-rikorrent twassal għall-konklużjoni li f'dan il-każ in-notifika saret, saret skont il-liġi, u għalhekk hija meqjusa valida. Qalet li *ai termini* tal-artikolu 187(1)

tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, in-notifika tista' titħalla fil-post fejn taħdem persuna, u għalhekk in-notifika f'dan il-każ saret b'mod korrett meta tħalliet fl-Isptar Monte Carmeli. Is-soċjetà appellanta żiedet tgħid li mix-xhieda tal-appellat irriżulta li hu jieħu l-ordnijiet tax-xogħol mhux minn Mekanika Limited iżda mis-CO ta' Mount Carmel, għaliex dan huwa l-post tax-xogħol tiegħu. Kompliet tgħid li huwa redikolu li l-appellat ipprova jikkonvinċi lill-Ewwel Qorti li l-post tax-xogħol tiegħu huwa f'uffiċċju l-Imrieħel, u mhux fil-post fejn huwa jmur ta' kuljum direttament minn daru, u l-post li jirritorna minnu meta jmur lura d-dar. Is-soċjetà appellanta qalet li din hija biss skuża biex l-appellat jipprova jevita li jħallas djunu, kif ilu jagħmel għal dawn l-aħħar snin. Qalet ukoll li l-liġi ma tobbligax lid-debitur ikun notifikat fl-indirizz reġistrat tal-kumpannija ma' min ikun jaħdem, iżda tistipula li n-notifika għandha ssir fil-post fejn dik il-persuna tkun taħdem, f'dan il-każ l-Isptar Monte Carmeli. Qalet ukoll li Mekanika Limited hija d-datur tax-xogħol tar-rikorrenti u għandha l-uffiċċji tagħha ġewwa l-Imrieħel, iżda kif jirriżulta mill-provi, il-post tax-xogħol tal-appellat mhuwiex f'dawn l-uffiċini, iżda fl-Isptar Monte Carmeli.

9. Is-soċjetà appellanta żiedet tgħid li l-appellat mhux jgħid il-verità, partikolarment wara li jirriżulta li fl-istess ġurnata li huwa rċieva l-ittra uffiċjali, huwa kkomunika direttament ma' Carmel Sammut, kif jirriżulta mill-messaġġi telefoniċi li ġew ippreżentati l-Qorti. Is-soċjetà appellanta qalet li wara din l-ammissjoni li l-appellat kien irċieva l-ittra uffiċjali, huwa pprova jdawwar dan il-fatt b'gidba oħra, billi qal li ħa żball u li kien qiegħed jirreferi għal dakinhar li ġie notifikat bil-mandat ta' sekwestru, u dan minkejja li jirriżulta li l-appellat qatt ma ġie notifikat bis-sekwestru. Is-soċjetà appellanta qalet li apparti li dan il-fatt itellef

mill-kredibbilità tal-appellat, għandu jirriżulta li dan qiegħed jagħmel minn kollox sabiex jevita li jħallas dejn li ġie kkontrattat minnu, u dan wara li ilu diversi snin jagħmel użu minn vettura li akkwista mingħand is-soċjetà appellanta, u issa qiegħed jipprova jagħmel dan billi jikkontesta l-validità tan-notifika li saret fil-post tax-xogħol tiegħu u li ngħatat lilu, tant hu hekk li dakinhar stess, fil-15 ta' Ottubru, 2020, huwa għamel kuntatt ma' Carmel Sammut bl-iskop li l-partijiet jaslu f'arranġament.

10. Is-soċjetà appellanta qalet li l-interpretazzjoni mogħtija mill-Ewwel Qorti hija waħda żbaljata, għaliex b'din l-interpretazzjoni, persuna tista' tiġi notifikata biss fil-post fejn hija rreġistrata l-kumpannija li jaħdem magħha, u mhux fil-post tax-xogħol li l-persuna tiffrekwenta ta' kuljum.

11. Is-soċjetà appellanta qalet li t-tieni aggravju tagħha huwa marbut mal-fatt li l-Ewwel Qorti laqgħet it-tielet talba tal-appellat u annullat ukoll il-mandat ta' sekwestru intavolat mill-appellanta kontestwalment mal-ittra uffiċjali *ai termini* tal-artikolu 166A tal-Kap. 12. Is-soċjetà appellanta qalet li l-Ewwel Qorti ma qisitx li l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju huwa att ġudizzjarju indipendenti mill-ittra uffiċjali, u għalhekk ma kellux jiġi mħassar u annullat flimkien mal-ittra uffiċjali. Qalet li effettivament, bl-istess mod kif mandat ta' sekwestru kawtelatorju ma kienx jitħassar f'każ li d-debitur idaħħal in-nota ta' kontestazzjoni *ai termini* tal-artikolu 166A tal-Kap. 12, għaliex il-kreditur kien ikollu jsegwi b'kawża l-pretensjoni tiegħu, f'dan il-każ il-mandat ma kellux jitħassar. Qalet ukoll li hija ħasset ruħha aggravata għaliex *ai termini* tal-artikolu 166A(5) tal-Kap. 12, mhijiex l-ittra uffiċjali li kellha tiġi dikjarata nulla, iżda t-titolu eżekuttiv, u konsegwentement kemm is-sekwestru kif ukoll l-ittra uffiċjali kellhom jibqgħu fis-

seħħ għajr, li l-ittra uffiċjali kellha terġa' tiġi notifikata, jew fl-agħar ipotesi, kellha titqies li ġiet ikkontestata.

12. Is-soċjetà appellanta qalet li l-liġi hija ċara u ma tħalli lok għall-ebda interpretazzjoni, ladarba huwa t-titolu eżekuttiv li jista' jiġi attakkat permezz ta' dawn il-proċeduri, u ċertament ma jistgħux jiġu ddikjarati nulli l-ittra uffiċjali u l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju, aktar u aktar meta l-kawża tal-kontestazzjoni hija n-notifika tal-ittra uffiċjali, u mhux xi difett fil-forma. Is-soċjetà appellanta kompliet tgħid li bl-istess mod kif il-kontestazzjoni dwar il-validità tan-notifika fi proċeduri ta' kontumaċja quddiem il-Prim'Awla ma jwasslux għan-nullità tal-att, iżda jwasslu biss għall-awtorizzazzjoni li tiġi preżentata risposta, sentenza li tikkontesta n-notifika *ai termini* tal-artikolu 166A(5) tal-Kap. 12, fl-agħar ipotesi twassal biex jiġi annullat it-titolu eżekuttiv, u mhux li jiġi annullat l-att flimkien mal-mandat kawtelatorju.

13. Is-soċjetà appellanta qalet ukoll li r-raba' aggravju tagħha jikkonsisti fil-fatt li l-Qorti ċaħdet it-talba tagħha sabiex jiġi prodott Sascha Jancovic bħala xhud, jiġifieri l-persuna li rċieva l-att in kwistjoni. Qalet li hija tħossha aggravat għaliex hija ma kelliex idea minn kien dan Sascha Jancovic, għajr wara s-seduta in kwistjoni, hija saret taf b'kumbinazzjoni li dan kien is-*supervisor* dirett tar-rikorrenti. Is-soċjetà appellanta qalet li minkejja li fuq ir-riferta hemm l-isem ta' Sasa Jancovic, hija la kienet taf min hu, la fejn joqgħod u wisq anqas ma kellha l-opportunità li tkun tista' tħarrku, għajr wara li rriżultalha li dan kien is-*supervisor* tal-appellat. Qalet li din kellha titqies bħala raġuni ġusta sabiex l-imsemmi xhud jittella' jixhed minkejja li l-provi kienu ngħalqu.

14. L-appellat ma ppreżenta l-ebda risposta għar-rikors tal-appell tas-soċjetà appellanta, iżda l-Qorti ħadet nota tal-pożizzjoni tal-appellat waqt it-trattazzjoni quddiemha tar-rikors tal-appell.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

15. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tas-soċjetà appellanta, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata, u meqjusin ukoll is-sottomissjonijiet tal-appellat waqt it-trattazzjoni. Dan wara li essenzjalment fis-sentenza tagħha, l-Ewwel Qorti qatgħet u ddeċidiet li n-notifika tal-ittra uffiċjali li abbażi tagħha s-soċjetà appellanta ppretendiet li għandha titolu eżekuttiv fir-rigward ta' allegat kreditu li għandu jitħallas lilha mill-appellat, ma saritx bil-mod preskritt mil-liġi, u għalhekk iddikjarat li kemm l-ittra uffiċjali u anki l-mandat ta' sekwestru huma nulli u mingħajr effett fil-liġi.

*L-ewwel aggravju: [dwar in-notifika – x'jikkostitwixxi 'post tax-xogħol']*

16. Fir-rikors tal-appell tagħha, is-soċjetà appellanta spjegat li hija ħasset ruħha aggravata għaliex l-Ewwel Qorti ma qisitx li l-Isptar Monte Carmeli, li huwa l-post fejn l-appellat jirrapporta għax-xogħol ta' kuljum, jikkwalifika bħala l-post tax-xogħol tiegħu *ai termini* tal-liġi, u konsegwentement iddeċidiet li n-notifika tal-ittra uffiċjali ma saritx bil-mod preskritt mil-liġi.

17. Il-Qorti tirrileva li għalkemm l-appellat, li huwa impjegat tas-soċjetà Mekanika Limited, li għandha uffiċċju reġistrat tagħha ġewwa l-Imrieħel, kif jispjega tajjeb l-appellat stress, huwa 'misluf' sabiex jaqdi d-dmirijiet tiegħu fl-

Isptar Mater Dei u fl-Isptar Monte Carmeli, u fl-aħħar sena qeda dmiru b'mod esklussiv ġewwa l-Isptar Monte Carmeli. Spjega li fil-fatt huwa jieħu l-ordnijiet mingħand is-Chief Officer tal-Isptar Monte Carmeli, u kull filgħodu huwa jirrapporta għax-xogħol f'dan l-Isptar, u wara li jtemm il-ġurnata tax-xogħol tiegħu, huwa jmur lura d-dar mill-Isptar Monte Carmeli. Dan ifisser li l-appellat għall-ebda raġuni u fl-ebda ħin tal-ġurnata ma jiffrekwenta l-uffiċini li Mekanika Limited għandha ġewwa l-Imrieħel, u għalhekk il-post tax-xogħol tal-appellat għal dawn l-aħħar xhur kien l-Isptar Monte Carmeli. Jirriżulta wkoll li l-appellat lanqas biex jiġbor is-salarju tiegħu m'għandu għalfejn imur fl-uffiċċju reġistrat tal-kumpannija Mekanika, għaliex il-ħlas isir direttament fil-kont bankarju tiegħu, u għalhekk l-appellat essenzjalment m'għandu l-ebda kuntatt mal-uffiċċju tal-kumpannija li timpjegah, b'tali mod li jista' jingħad li l-uniku post tax-xogħol li huwa jirrapporta fih huwa l-Isptar Monte Carmeli. Il-Qorti tirrileva li l-artikolu 187(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jispeċifika li n-notifika ta' persuna tista' ssir *"kull fejn dik il-persuna tista' tinstab"*, u l-liġi ssemmi l-post fejn taħdem il-persuna, jew il-post tax-xogħol, jew l-indirizz postali tal-persuna, bħala postijiet li fihom tista' ssir in-notifika ta' atti ġudizzjarji. Il-liġi tagħmel differenza bejn il-post tax-xogħol tal-persuna, u l-post fejn taħdem il-persuna, u dan għaliex filwaqt li persuna tista' tkun impjegata ma' kumpannija b'uffiċċju rreġistrat f'post, in-natura tan-negozju tagħha jista' jitlob li l-persuna tmur taqdi dmirha f'post ieħor. Il-Qorti tqis li ma jistax jingħad li n-notifika tal-appellat ma saritx kif suppost, meta jirriżulta li huwa kien ilu bosta xhur jirrapporta għax-xogħol fl-Isptar Monte Carmeli. Aktarx illi li kieku n-notifika saret fl-uffiċċju rreġistrat tal-kumpannija Mekanika Limited, il-persuna li tirċievi dak l-att kien ikollha diffikultà biex tikkomunika mal-appellat sabiex imur jiġbor l-ittra uffiċjali. Għaldaqstant il-

Qorti ma tistax taqbel mal-konklużjoni li waslet għaliha l-Ewwel Qorti, li l-post fejn effettivament jaħdem ta' kuljum l-appellat, m'għandux jitqies bħala post fejn setgħet issir in-notifika skont il-liġi. Il-Qorti tirrileva wkoll li l-liġi ma tesiġix li l-att għandu jitħalla f'idejn id-debitur fuq il-post tax-xogħol tiegħu, iżda tgħid biss li l-att għandu jitħalla fil-post fejn jaħdem l-individwu, kif ġara f'dan il-każ.

18. Il-Qorti tirrileva li mill-provi jirriżulta li l-appellat ikkomunika ma' Carmelo Sammut, direttur tas-soċjetà appellanta, dakinhar stess li skont ir-riferta tal-Qorti kienet saret in-notifika tal-ittra uffiċjali, u fil-komunikazzjoni li kien hemm ma' Sammut, l-appellat ipprova jasal f'arranġament għall-ħlas, liema arranġament propost ma kienx aċċettabbli għal Sammut. Il-Qorti hija tal-fehma li l-appellat mhuwiex kredibbli fil-pożizzjoni li ħa f'dawn il-proċeduri, partikolarment għaliex quddiem din il-Qorti stess irrepeta li huwa sar jaf bil-proċeduri mibdija kontrih għaliex kellu tnaqqis fil-paga. Ma jistax ikun li b'kumbinazzjoni dakinhar stess li l-ittra uffiċjali in kwistjoni tħalliet f'idejn is-*supervisor* tal-appellat, l-appellat ipprova jikkomunika ma' Carmel Sammut sabiex jara jekk setgħux jaslu f'xi arranġament bejniethom dwar il-ħlas. Il-provi kollha jindikaw li mhux talli n-notifika saret fil-post fejn kellha ssir, talli l-appellat sar jaf bil-kontenut tal-ittra uffiċjali dakinhar stess li din tħalliet mas-*supervisor* fuq il-post tax-xogħol. Għalhekk tqis li dan l-ewwel aggravju huwa mistħoqq, u tilqgħu.

*It-tieni aggravju: [l-annullament tal-mandat ta' sekwestru]*

19. Is-soċjetà appellanta spjegat li hija ħasset ruħha aggravata wkoll għaliex l-Ewwel Qorti laqgħet it-tielet talba tal-appellat, u annullat il-mandat ta' sekwestru. Qalet li l-mandat ta' sekwestru huwa att ġudizzjarju indipendenti mill-

ittra uffiċjali, u f'każ li kellu jirriżulta xi difett fil-forma jew fin-notifika, kien l-att eżekuttiv li kellu jiġi dikjarat null u mhux l-ittra uffiċjali jew il-mandat li nħareġ bis-saħħa ta' dak it-titolu eżekuttiv.

20. Il-Qorti tirrileva li m'hemm l-ebda kontestazzjoni bejn il-partijiet li r-rikors tal-appellat sar abbażi tal-artikolu 166A (5) tal-Kap. 12, li jippreskrivi għal liema raġunijiet it-talba tar-rikorrent, l-appellat f'dawn il-proċeduri, setgħet tiġi milqugħha. Fir-rigward tal-ewwel aggravju, din il-Qorti diġà stabbiliet li n-notifika tal-ittra uffiċjali kienet valida skont il-liġi tal-proċedura, u għalhekk l-appellat ma jistax jargumenta li t-titolu eżekuttiv li abbażi tiegħu pproċediet is-soċjetà appellanta huwa null u bla effett. Din il-Qorti qegħda tilqa' l-ewwel aggravju tas-soċjetà appellanta, fis-sens li qegħda tqis li n-notifika tal-ittra uffiċjali kienet waħda valida, u għalhekk l-mandat ta' sekwestru li nħareġ abbażi ta' tali titolu eżekuttiv, ma jistax jitqies li huwa null. Għalhekk tqis illi dan l-aggravju huwa mistħoqq, u tilqgħu.

*It-tielet aggravju:* *[is-sentenza tal-Ewwel Qorti ma kellhiex taffettwa l-mandat kawtelatorju]*

21. Is-soċjetà appellanta tikkontendi li d-deċiżjoni dwar il-validità tan-notifika, kellha twassal biss biex jiġi annullat it-titolu eżekuttiv, u mhux biex jiġi annullat l-att flimkien mal-mandat kawtelatorju.

22. Il-Qorti diġà ppronunzjat ruħha dwar dan fil-konsiderazzjonijiet tagħha rigward l-aggravju preċedenti, fejn ma qablitx mad-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti, li jrid jingħad li kellha tiddeċiedi primarjament dwar jekk in-notifika tal-att

ġudizzjarju saritx b'mod validu jew le. Għalhekk dak kollu li segwa n-notifika tal-ittra uffiċjali bil-mod preskritt mil-liġi, għandu jitqies li huwa validu. Tqis illi dan l-aggravju huwa ġustifikat, u tilqgħu.

*Ir-raba' aggravju:* *[iċ-ċaħda tar-rikors tas-soċjetà appellanta li permezz tiegħu talbet li tinstema' x-xhieda tal-persuna li rċeviet l-att ġudizzjarju]*

23. Is-soċjetà appellanta qalet li hija ħasset ruħha aggravata wkoll għaliex l-Ewwel Qorti ddeċidiet li tiċħad ir-rikors ippreżentat minnha wara l-istadju tal-għeluq tal-provi tal-partijiet, sabiex il-Qorti tisma' x-xhieda ta' Sascha Jancovic, li jirriżulta li kien is-*supervisor* tal-appellat u li kien il-persuna li rċeviet l-att ġudizzjarju ġewwa l-Isptar Monte Carmeli. Is-soċjetà appellanta tgħid li hija ma kellha l-ebda mezz kif tikseb l-indirizz ta' din il-persuna, jew kif issir taf jekk dan kellux jew le relazzjoni fuq il-post tax-xogħol mal-appellat, u għalhekk hija ma setgħetx tħarrku sabiex jixhed qabel dakinhar li ressqet rikors sabiex tkun tista' tagħmel dan. L-Ewwel Qorti ċaħdet din it-talba tas-soċjetà appellanta għaliex ma tat l-ebda raġuni valida jew xi forma ta' ġustifikazzjoni għaliex kienet qegħda titlob il-preżentata ta' dan ix-xhud fi stadju tal-proċeduri meta l-kawża kienet tħalliet għas-sentenza. Imma din il-Qorti tqis illi dawn is-sottomissjonijiet is-soċjetà appellanta kellha tagħmilhom fl-istadju meta ppreżentat ir-rikors tagħha b'talba għall-inġunzjoni tax-xhud, u mhux f'dan l-istadju tal-appell, partikolarment meta l-isem tal-persuna li rċieva l-att kien jirriżulta mir-riferta tal-marixxall. Għaldaqstant din il-Qorti tqis li l-Ewwel Qorti kellha raġun tiddeċiedi li s-soċjetà appellanta ma ġabet l-ebda raġuni ġusta biex jitressaq l-imsemmi xhud

f'dak l-istadju tal-proċeduri, u kellha raġun ukoll li ma awtorizzatx li jitressaq l-imsemmi xhud. Għaldaqstant tqis illi dan l-aggravju mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tas-soċjetà appellanta, billi filwaqt li tilqa' l-ewwel, it-tieni u t-tielet aggravju tagħha, tiċħad ir-raba' aggravju tagħha.**

**L-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jitħallsu mill-appellat.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**